MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 846/2006

Viroc International Ltd
vs
Netcom Ltd

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi s-socjeta` intimata Netcom Ltd ordnat konsenja ta’ merkanzija mis-socjeta` rikorrenti, Viroc International Ltd (Korrispondenza annessa bhala dokument “A”).

2. Illi l-merkanzija giet konsenjata lis-socjeta` intimata Netcom Ltd nhar it-23 ta’ Mejju 2006 (dokuemnti “B” u “C”).

3. Illi s-socjeta` Netcom Ltd accettat il-konsenja ta' l-istess merkanzija minghajr ebda riserva.

4. Illi ghalkemm debitament interpellata thallas l-ammont mitlub permezz ta' invoice datat 26 ta' Mejju 2006 (anness bhala dokument "D") kif ukoll verbalment u permezz ta' ittra ufficjali f'Lulju 2006 is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti u rrispondiet biss li l-allegazzjoni hija nfondata minghajr ma spjegat din l-allegazzjoni taghha.

5. Illi minkejja dan kollu s-socjeta` Netcom Ltd zammet il-merkanzija.

6. Illi ma jidhirx li l-intimata ghandha raguni tajba fil-ligi biex tirrifjuta li thallas.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tipprocedi bis-smigh ta' din il-kawza bid-dispensa tas-smigh skond il-procedura preskritta fl-artikolu 167 ***et sequitur*** tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' hamest elef erba' mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltija (Lm5,428) bl-imghax kummercjali mis-26 ta' Gunju 2006 sal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-___ ta' Lulju 2006, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista ta' xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**
Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata li biha esponiet:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-konsenja tal-merkanzija saret ferm wara d-data li s-socjeta` intimata kellha bzonn l-istess merkanzija

u s-socjeta` intimata kellha tixtri merkanzija ohra sabiex tottempra ruhha ma' l-obbligi kontrattwali taghha mas-socjeta` Air Malta p.l.c.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-ammont mitlub mis-socjeta` rikorrenti huwa esagerat.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri li jistghu jkunu kompetenti lis-socjeta` intimata skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti u bl-ingunzjoni ghas-suubizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` intimata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Attilio Vassallo Cesareo ***managing director*** tal-kumpanija Viroc International Ltd li fih ikkonferma li nhar id-9 ta' Marzu 2006, u precizament f'13:52 gie ikkuntattjat permezz ta' ***e-mail*** ta' Anthony Cachia fejn talbu jikkwotalu ghal tlett (3) Kilometri ta' HDPE ***duct*** sat-tlieta ta' wara nofsinhar ta' dik il-gurnata. Hu siegha wara kkonfermalu verbalment l-offetta tieghu: li l-prezz kien ta' Lm1.15c il-metru konsenjat (VAT eskluz). Kwazi xahar wara, u precizament fl-4 ta' April 2006, Mr. Cachia bghatlu ***e-mail*** fejn ikkonferma l-ordni tieghu ghal 4 km (u cioe` kilometru izjed mit-talba originali). U staqsieh biex jinfurmah id-data tal-konsenja. Fit-13 ta' April, baghat ***e-mail*** lil Cachia fejn ikkonferma bil miktub li ghamel l-ordni mal-principal tieghu u li kien ser jinfurmah meta jkun jaf id-data tal-konsenja (4 km), it-tip ta' ***duct*** u l-

prezz (Lm1.15 ***per meter plus*** VAT). Fis-26 ta' April Bronia Mercieca, inkarigata minnu, baghatet ***e-mail*** lil Cachia biex tghidlu li l-merkanzija kienet lesta l-fabbrika biex titlaq lejn Malta, u li jinfurmawh appena jkunu jafu d-data li tasal Malta. Fit-28 ta' April, Cachia staqsa lil Bronia Mercieca jekk tafx bejn wiehed u iehor meta ser tasal il-merkanzija ghaliex qal li kienu ser jibdew ix-xoghol fit-2 ta' Mejju. Fit-2 ta' Mejju, Bronia Mercieca cemplet lil Cachia biex tinfurmah li l-principal taghhom nfurmahom li l-merkanzija telqet nhar it-28 ta' April 2006 u li kien ser jinfurmahom malli jkollu d-data preciza tal-wasla tal-merkanzija Malta. Bronia Mercieca, fit-8 ta' Mejju baghatet ***e-mail*** lil Anthony Cachia biex tinfurmah li d-data ezatta kienet is-17 ta' Mejju. Huma sat-23 ta' Mejju qatt ma gew infurmati li ma riedux ix-xoghol aktar. Infatti hu fit-23 ta' Mejju kellem lil Alex Sciberras u kemm lil Anthony Cachia fejn qalilhom li dan ma kienx accettabli u li kellhom jghidulu fejn riedu l-konsenja ghax ix-xoghol kien ghand il-burdnar u kien lest biex jigi konsenjat. Huma accettaw, u qalulu biex il-konsenja ssir l-ufficju taghhom l-Msida kif anke hu evidenzjat mid-***delivery note*** (0001866) li tah lura l-burdnar taghhom MJK Transport Ltd ta' l-istess data. Fis-26 ta' Mejju, cioe` tlett ijiem wara l-konsenja, baghtulu invoice b'***e-mail*** u bil-posta (Nru. 9348/06) u talbuh jghaddilhom l-***accounts department*** ghall-pagament. Gimghatejn wara (ezattament fl-14 ta' Gunju 2006), skond it-timbru ta' l-envelope, baghtulu l-kont lura bl-ebda kumment. Fid-19 ta' Gunju baghtu ittra bl-avukat, u f'Lulju baghtu ittra ufficjali. Huma wiegbu ghall-Ittra Ufficjali billi qalu biss "li l-allegazzjonijiet dedotti … bl-imsemmija ittra ufficjali" kienu "infondati fil-fatt u fid-dritt". Wara dan, fethu kawza nhar id-19 ta' Settembru 2006. U meta d-data tal-kawza bdiet toqrob ircieva telefonata minghand Anthony Cachia fejn talbu biex jiltaqa' mieghu ghax ried jsib soluzzjoni. Hu mar l-ufficju tieghu u hu spjegalu l-fatti u li hass li ma kellu l-ebda raguni valida biex ma jhallasx, hu ammetta li kellu ragun pero` kellu ***instructions*** mid-diretturi tieghu biex joffrielu Lm3,000 ghas-saldu ta' l-obbligi ta' Netcom Ltd. Hu rispondieh li kien lest jaccetta Lm5,000 u xejn anqas u l-ispejjez kollha legali li jithallsu mill-kumpanija tieghu. Qallu li kien ser jghaddi din il-proposta lid-direttur tieghu, David Falzon, u

jgharrfu bid-decizjoni. Xi gimgha wara David Falzon cempillu u qallu li l-merkanzija tefaghha go ghalqa u ppropona li jfittxu terzi lesti biex jixtruha biex jiddisponu minnha. Hu ovvjament rrifjuta u qallu li ser jkompli jimxi legalment biex jipprotegi l-interessi tal-kumpanija tieghu.

Gie prezentat affidavit ta' Bronia Mercieca li fih issemma li fil-perjodu ta' April u Mejju 2006, hi kienet tghin lis-Sur Attilio Vassallo Cesareo, direttur tas-socjeta` VIROC International Ltd. Ikkonfermat illi s-socjeta` Netcom Ltd kienet ghamlet ordni ghal konsenja ta' 4 kilometri ta' HDPE ***duct*** minghand VIROC International, u ma dan l-affidavit annettiet kopja ta' ***e-mails*** li hu baghat lil Anthony Cachia. Ikkonfermat li dawn l-***e-mails*** inkitbu u intbghatu minnha. Ikkonfermat inoltre li fit-3 ta' Mejju 2006 hi kienet cemplet lil Anthony Cachia, li kien is-***sales co-ordinator*** tas-socjeta` Netcom Ltd. F'din il-konversazzjoni hi qaltlu li kienu rcevew ***e-mail*** (datat 2 ta' Mejju 2006) minghand il-principal taghhom fejn gew infurmati li l-konsenja kienet telqet nhar il-Gimgha ta' qabel izda l-principal ma kienux jafu ezatt meta ser tasal il-konsenja f'Malta. Cachia accetta dan, u baqghu li iktar tard jaghtih id-data preciza. Hamest ijiem wara, hi baghtitlu ***e-mail*** fejn ikkonfermat li l-konsenja kellha tasal f'Malta fl-17 ta' Mejju, kif fil fatt gara. Ghal din l-***e-mail*** qatt ma kellha risposta, u senjament qatt ma rciviet kancelazzjoni ta' l-ordni. Meta l-konsenja waslet qabbdu immedjatament il-Burdnara taghhom, MJK Transport Ltd biex itellghu x-xoghol l-ghada stess. Izda hi u Mr. Vassallo Cesareo cemplilhom kemm il-darba lil Netcom kuljum sat-23 tax-xahar biex jghidulhom fejn kellhom jaghmlu l-konsenja. Meta kienu jcemplu dejjem kienu jghidulhom li kienu ser jinfurmawhom iktar tard, ghax ma kienux jafu ezattament fejn ser ipogguhom. Sa fl-ahhar taf li fit-23 kkonfermaw ma' Mr.Vassallo Cesareo li ma riedux l-konsenja iktar ghax kienu gja xtraw ***ducts*** ohrajn minn terzi b'prezz ta' tlett darbiet iktar. Hi ma setghetx temmen kif dawn iddecidew li ma riedux il-merkanzija fl-ahhar minuta meta kienet waslet Malta u minghajr ma qalulhom xejn.

Gie prezentat affidavit ta' Jonathan Cassar li fih issemma li hu jahdem bil-kumpanija MJK Transport Ltd gie

mqabbad minn Viroc International biex itella' xoghol li wasal fl-17 ta' Mejju mill-Ingilterra lid-ditta Netcom Ltd. Hu tella' x-xoghol mix-xatt mill-ewwel, pero` ma setax jaghmel il-konsenja peress li Mr. Vassallo Cesareo ma kienx jaf fejn kellha ssir il-konsenja. Fit-23 ta' Mejju 2006, Mr. Vassallo Cesareo nfurmah li n-Netcom Ltd qalulu li l-konsenja seghtet issir fl-ufficju taghhom l-Msida. Fil fatt hu konsenja il-merkanzija dik il-gurnata stess kif jidher mid-***delivery note*** Nru 001866. Ikkonferma li dina d-***delivery*** saret minnu stess, u hu stess iffirma id-***delivery note***. Meta kkonsenja il-merkanzija hadd ma qallu xejn, u n-nies ta' Netcom Ltd accettaw il-merkanzija, tant li fil-fatt anke kontro-ffirmaw id-***delivery note***.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Anthony Cachia</u> ***sales co-ordinator*** mas-socjeta` Netcom Ltd. li fih issemma li hu kien cempel fid-9 ta' Marzu 2006 lis-socjeta` attrici sabiex jordna 3 kilometri ta' HDPE duct, li huwa ***pipe*** li jidhol fih il-***fibre optic cable***, li kellhom bzonn rigward kuntratt li kellhom ma' l-Air Malta p.l.c. Hu kien kellem lid-direttur tas-socjeta` attrici Attilio Vassallo Cesareo u staqsieh kemm kien ser idum biex igibilhom din il-merkanzija kieku kellhom jordnawha. Huwa qallu bejn hmistax u tlett gimghat. U staqsieh biex jikkonfermalu permezz ta' e-mail tal-4 ta' April, 2006 ghal 4 kilometri ta' duct. Hu kien ghadu taht l-impressjoni illi s-socjeta` attrici kienet ser twasslilhom l-merkanzija ordnata fi zmien gimghatejn jew tleta mid-data ta' l-ordni kif kien ikkonfermalu s-Sur Attilio Vassallo Cesareo. Fil-fatt hu kien qal lis-segretarja tas-Sur Vassallo Cesareo li kellhom bzonn il-materjal sat-2 ta' Mejju 2006 ghaliex kellhom jibdew ix-xoghol proprju b'dak il-materjal fit-2 ta' Mejju 2006. Kien ghalhekk li huma bhala Netcom Ltd ma hargux ***purchase order***. Ma kienx minnu dak li tghid Bronia Mercieca fl-affidavit taghha li hu accetta li l-merkanzija tasal wara t-2 ta' Mejju 2006. Dan fil-fatt ma setghax jaghmlu ghaliex skond il-kuntratt li kellhom ma' l-Air Malta x-xoghol bl-istess materjal kellu jibda fit-2 ta' Mejju, 2006, u fin-nuqqas kien ser ikun hemm penali kontra taghhom. Fil-fatt meta ra li s-socjeta` ma kinitx f'posizzjoni li twasslilhom l-materjal sat-2 ta' Mejju, 2006, huma xtraw l-materjal minghand AFS Limited. Xtraw minghand haddiehor ghaliex ma setghux

jaghmlu mod iehor. Huma, apparti illi ma kellhomx izjed bzonn il-materjal stante li l-konsenja tieghu kienet tardiva, ma setghux jghidu lis-socjeta` attrici fejn ser tikkonsenja l-materjal ghaliex dan kellu jittiehed ghand l-Air Malta izda f'dik id-data x-xoghol kien diga lest. Mhux vera li hu ma qal xejn lill-burdnar meta fil-23 ta' Mejju 2006, hadlu l-merkanzija fejn l-ufficju taghhom fuq ***trailer*** li ghalaq kompletament it-triq. Hu fil-fatt insista mieghu li huma ma riedux il-merkanzija u lanqas kellhom post fejn iqeghduha. Huwa risponda li kienu baghtuh hemmhekk u li ma kienx ser jiehu l-materjal lura ghaliex hu ma kellux fejn iqeghdu. Fil-fatt hu u n-nies tieghu nizzlu zewg rombli f'nofs it-triq u telqu. Huma kellhom jikru ***crane*** malajr sakemm imur u jnehhi r-rombli u jitfaghhom fil-plot mhux mibnija li kien hemm fejn l-ufficju taghhom. Hu ffirma d-***delivery note*** l-ghada sabiex ma jinqalax inkwiet. Kien f'dan is-sens illi meta xehed fit-30 ta' Ottubru 2006 quddiem din il-Qorti qal illi l-affarijiet accettahom pero` ghadhom hemmhekk sallum.

Xehed <u>Anthony Cachia</u> fejn qal li l-ordni qatt ma giet ikkancellata u in segwitu kienu marru bil-materjal barra l-post tas-socjeta` taghhom. Jiftakar li dan marru bejn is-17 u d-19 ta' Mejju ghalkemm ma jiftakarx il-gurnata preciza. Huma qatt ma kienu kkancellaw l-affarijiet. L-affarijiet accettawhom pero` ghadhom hemmhekk sal-lum.

Gie prezentat affidavit ta' <u>David Falzon</u> direttur tas-socjeta` Netcom Ltd. li fih issemma li dwar il-kaz in kwistjoni qatt ma ***hargu purchase*** order ghaliex s-socjeta` attrici qatt ma kkonfermatilhom illi l-konsenja kienet ser tasal sat-2 ta' Mejju 2006. Huma kellhom kuntratt mas-socjeta` Air Malta p.l.c. biex jaghmlulhom certu xoghol sas-17 ta' Mejju 2006. Dan ix-xoghol kien jikkonsisti fil-tqeghid ta' pipe, u cioe` tal-merkanzija in kwistjoni, u l-mghodija ta' ***fibre optic cable*** minn go dan il-pipe. Fl-ahhar kellhom jittestjaw il-***fibre optic cable***. Naturalment dan ix-xoghol kellu jibda bit-tqeghid tal-merkanzija in kwistjoni u ghalhekk meta s-socjeta` attrici baqghet ma kkonfermatx illi l-merkanzija kellha tkun Malta sat-2 ta' Mejju 2006, huma gew kostretti jsibu alternattiva u ghalhekk xtraw merkanzija ohra mingahnd AFS Limited.

Meta fil-fatt waslet il-merkanzija hu ma kienx l-ufficju u ghalhekk kien l-impjegat tieghu Anthony Cachia li kellem lil burdnar. Hu ma setghax jaccetta l-materjal ghax meta wasal ma kellhomx bzonnu. Infatti kien sorpriz hafna meta ra ir-rombli tal-merkanzija fil-***plot*** ta' magenbu. Illum il-gurnata qed isofri danni ghaliex qed jhallas ghall-magazzinagg ta' l-istess rombli peress illi sit il-plot qed jibniha.

Xehed David Falzon fejn qal illi hu direttur fil-Viroc International Ltd. Qal li ftehim bil-miktub qatt ma kien intlahaq ma' Viroc International Limited u lanqas ma kienet harget il-***purchase order***. Ir-raguni li ma kinitx harget il-***purchase order*** kien minhabba l-fatt li lilhom qatt ma qalulhom li sejrin iwasslu l-affarijiet ghandhom sat-2 ta' Mejju. Kellu kuntratt ma' l-Air Malta fejn hu sas-17 ta' Mejju kellu jkun lest. Qal li l-ewwel materjal li kellu juza bazikament kien dan il-***pipe*** li riedu minghand il-Viroc International Limited u ma kienx jista' jibda x-xoghol minghajr ma jibda dan. Jiftakar li kellu jixtri minghand AFS Limited.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din il-kawza giet intavolata mill-kumpanija rikorrenti stante li supplixxiet lill-kumpanija intimata go Malta b'konsenja ta' merkanzija li kienet giet rikjesta mis-socjeta` intimata nnifisha. Ghalhekk, is-socjeta` rikorrenti sostniet li ghandha tithallas l-ammont ta' hamest elef, erba' mija u tmienja u ghoxrin Liri Maltin (LM5,428), il-prezz dovut rigwardanti l-konsenja ta' merkanzija in kwistjoni, bl-imghax kummercjali mis-26 ta' Gunju 2006. Stante li s-socjeta` intimata giet interpellata biex thallas dan l-ammont, izda baqghat inadempjenti l-attrici ipprocediet bil-kaz odjern.

Min-naha l-ohra, is-socjeta` intimata eccepiet li t-talba rikorrenti hija infondata peress li l-konsenja tal-merkanzija saret ferm wara d-data li s-socjeta` intimata kellha bzonn l-istess merkanzija; gie eccepit ukoll li l-ammont mitlub huwa esagerat.

Irrizulta mill-provi, li kien hemm skambju ta' korrispondenza bejn iz-zewg kumpaniji permezz ta' ***e-mails***, u irrizulta li s-socjeta` intimata kkonfermat l-ordni tal-merkanzija permezz ta' e-mail datata 4 ta' April 2006. (a fol 11 u 33). Jirrizulta wkoll, li s-socjeta` Netcom Limited staqsiet ghar-rigward tad-data tal-konsenja f'din il-korrispondenza li ntbaghtet bejn il-partijiet. Sussegwentement, permezz ta' ***e-mail*** tas-socjeta` Viroc International Limited, Netcom Limited gew infurmati li l-konsenja kellha tasal ghandhom sas-17 ta' Mejju 2006 (a fol 42). Dan fil-fatt, gie konfermat minn Bronia Mercieca fl-affidavit taghha, u hija kkonfermat ukoll li qatt ma rceviet risposta ghal din l-***e-mail***, izda lanqas ma rceviet kancellazzjoni ta' din l-ordni minghand Netcom Limited. (a fol 38). Fil-fatt, dan gie kkonfermat ukoll, mix-xhud Anthony Cachia:

"Fil-fatt, l-ordni qatt qatt ma giet ikkancellata u in segwitu kienu gew bil-materjal barra l-post tas-socjeta` taghna. Niftakar li dan gew bejn is-17th u 19th May…….Ahna qatt ma konna kkancellajna l-affarijiet. L-affarijiet accettajnihom pero` ghadhom hemmhekk sal-lum." (a fol 21).

Minbarra hekk, gie konfermat ukoll minn Jonathan Cassar li meta huwa mar personalment fil-konsenja tal-merkanzija, min-naha tas-socjeta` Netcom, hadd ma qallu xejn, anzi huma kontro-firmaw id-***delivery note*** (a fol 44). Illi ghalhekk xejn ma jiswa l-argument tas-socjeta` konvenuta li din il-konsenja waslet ghandhom tardivament, ghax ma kienx hemm kancellazzjoni da parti taghhom biex il-merkanzija ma tigix konsenjata, u galadarba giet konsenjata lilhom, huma accetawha u ffirmaw ghaliha. Fir-rigward ta' dak li gie sostnut mis-socjeta` Netcom li l-merkanzija ghadha hemm sal-lum u baqghet ma ntuzatx, dan l-argument ma jregix ghax ladarba ffirmaw ghall-merkanzija, din hija meqjusa accettata. F'dan il-kuntest, ta' min ighid, fir-rigward ta' dak li ntqal minn Anthony Cachia u David Falzon, u cioe` fuq il-***purchase order*** li qatt ma nharget, dan ma jnaqqasx bl-ebda mod dak li kien gie miftiehem bejn il-partijiet permezz tal-korrispondenza skambjata. Qatt ma sar ebda

depozitu tal-merkanzija, intbaghtu xi ittri ufficjali jew protesti mill-intimata.

Illi s-socjeta` rikorrenti tippretendi li tithallas l-ammont ta' hamest elef, erba' mija u tmienja u ghoxrin Liri Maltin(LM5,428), hekk kif jirrizulta li kien dovut minn Netcom Limited. Illi s-socjeta` rikorrenti ressqet il-provi taghha a sodisfazzjon tal-Qorti filwaqt li min-naha tas-socjeta` Netcom Limited, dak li gie sostnut mis-socjeta` rikorrenti ma giex validament oppost.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Tichad l-ewwel eccezjoni li l-konsenja tal-merkanzija saret ferm wara d-data li s-socjeta` intimata kellha bzonn l-istess merkanzija u s-socjeta` intimata kellha tixtri merkanzija ohra sabiex tottempra ruhha ma' l-obbligi kontrattwali taghha mas-socjeta` Air Malta p.l.c. minhabba li l-merkanzija giet xorta wahda accettata, u saret firma ghaliha, u ma kienet saret ebda kancellazzjoni.

Tichad it-tieni eccezzjoni ghax ma saret ebda prova li l-ammont mitlub mis-socjeta` rikorrenti huwa esagerat.

Illi ghalhekk, jidher li t-talba tas-socjeta` rikorrenti hija gustifikata, u ma hemm ebda lok ghaliex ma tigix milqugha, u tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' hamest elef, erba' mija, u tmienja u ghoxrin Liri Maltin (LM5,428).

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------